# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 26 ta' Settembru 2023**

**Appell numru 456/2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Graziella FRANCALANZA**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-7 ta' Lulju 2021 fil-konfront ta' Graziella FRANCALANZA (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru: 495080M) li ġiet mixlija talli:

   F'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer fil-5 ta' Novembru u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data : -

   a. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuan.i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess tal-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-

esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Kellha fil-pussess tagħha d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skotn id-dispożizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar sussegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

c. U aktar talli bħala persuna li mhux impjegata fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin mingħajr l-awtorita' leġittima daħħlet jew ippruvat iddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett ikun li jkun li huwa projbit skont xi oġġett bħal dawk barra minn xi ħabs u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni 101.02, l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputata Graziella FRANCALANZA ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u kkundannata għal tmien xhur priġunerija effettivi u multa ta' Ewro 2000 li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas mill-ħatja b'rati mensili u konsekutivi ta' Ewro 100 bl-ewwel pagament li kell jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza b'dan illi

jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-Liġi.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi FRANCALANZA appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull ħtija u piena u fi kwalunkwe każ sabiex tibdel il-piena għad-raġunijiet premessi fejn minflok din il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti tad-Droga taħt dawk il-provvedimenti soliti li jakkumpanjaw każijiet bħal dawn u dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint):

    a. Id-difett insanabbli fl-akkuża ripetut naturalment fis-sentenza. Kif jirriżulta mill-istess sentenza l-akkuża kienet tgħid fil-5 ta' Novembru u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data. Jekk il-Qorti taqra din l-espressjoni naturalment tiġieha l-kurżita' jekk kinetx is-sena l-oħra 2020 jew f'liema sena qabel. U s-sentenzi suppost marbutin mal-akkużi jkunu joqgħodu fuq riġlejhom stess u mhux wieħed irid imur ifittex. L-iżball tad-data mhuwhiex xi ħaġa aċċidentali imma huwa xi ħaġa sine qua non ili l-prosekuzzjoni għandha tieħu ħsieb il-korrettezza tagħha meta qiegħda takkuża. Issir referenza għall-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li ċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka u għandu jkun hemm fiha fil-qosor il-fatti tal-akkuża bil-partikolaritajiet taż-żmien u tal-lok li jkunu jeħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. L-esponent tagħmel enfasi fuq il-kelma 'għandha' li fit-test Ingliż huwa 'shall'. Dan huwa artikolu li nkiteb qabel il-kostituzzjoni tal-1964 u għalhekk it-test Ingliż jipprevali. Il-kelma 'shall' bl-ebda mod ma tħalli dubju illi l-element tal-partikolaritajiet taż-żmien huma indispensabbli u mhumhiex an option lill-prosekuzzjoni. Minkejja dan kollu għalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti iċċitat legalment il-ġurisprudenza dwar in-neċessita' inderogabbli li jissemmew il-partikolaritajiet taż-żmien b'mod preċiż qalbet imbgħad għall-ġurisprudenza oħra li tinsa l-ewwel kelma tal-Kodiċi Kriminali u tmur minflok għall-interpretazzjoni ta' Liġi Taljana li ċitazzjoni hija biss avviso di comparire. Il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza Il-Pulizija kontra Joseph Zahra tal-5 ta' Awwissu 2003 fiha hemm referenza għar-reat li sar fis-26 ta' Lulju 2000 wara nżul ix-xemx. Naturalment la ġiet spjegata il-ġurnata preċiża ġie sodisfatt il-vot tal-Liġi. Il-kelma żmien hija iktar minn ħin. Il-kelma żmien tfisser perjodu u perjodu kif diġa dedotta tfisser il-perjodu rilevanti li fih sar ir-reat b'ċerta preċiżjoni anke għal raġuni li persuna tista' tiddefendi ruħa per eżempju billi ġġib alibi jew inkella ġġib ix-xhieda bil-maqlub ta' dak li qed tgħid il-prosekuzzjoni. B'referenza għas-sentenza ta' Joseph Zahra, mela hawhekk l-imputat li nafu li

għandu dritt ma jiftaħx ħalqu ħlief jekk jagħżel li jixhed anke billi jgħid lill-avukat tiegħu li ma jridx jitkellem u ma jagħmel l-ebda sottomissjoni bl-ebda mod u jistenna l-prosekuzzjoni tagħlaq il-każ tagħha, hawnhekk l-onorevoli imħallef li ta s-sentenza ta' Joseph Zahra jpoġġi obbligu fuq dahar l-akkużat li jikkoreġi ċ-ċitazzjoni tal-pulizija u jobbligah jitkellem. Naturalment dan kien qabel l-esperjenza tal-Qorti ta' Strasburgu. Barra minn hekk iġib l-obbligu fuq il-qorti li minflok tibqa' newtrali bejn prosekuzzjoni u difiża tidħol fil-partita' u tikkoreġi l-iżbalji fil-prosekuzzjoni. Il-kostituzzjoni ta' Malta fl-artikolu 39(6) u wkoll il-Konvenzjoni Ewropeja taħt l-Artikolu 6(3)(a) jagħmulha ċara li l-akkuża għandha tkun bil-miktub. L-esponenti tagħmel referenza għall-kawża Haxhia vs. Albania (ECHR 8/10/2013). L-ewwel Qorti qalet li meta xehed l-Ispettur Malcolm Bondin dan xehed li l-fatti ġraw fil-5 ta' Novembru 2012. Minn meta l-Ispettur Bondin jixhed bil-miktub għax l-obbligu tal-Kostituzzjoni huwa bil-miktub. Dan ma jfissirx li s-sentenza hija nulla. Ifisser li r-reati ma ġewx ippruvati u dan fuq l-iskorta tas-sentenza ċitati mill-istess Qorti inluża s-sentenza ta'Christopher Buhagiar tagħha stess.

b. Il-kwistjoni tal-provi dwar Philippa Attard: l-ewwel Qorti skartat l-istatements u d-dikjarazzjoni ġuramentata tal-imputata. Skartat ukoll diversi xhieda. Dan għalhekk jirrestrinġi x-xhieda rilevanti għall-każ. U l-ewwel Onorabbli Qorti waqfet fuq Philippa Attard fix-xhieda li tat quddiemha. Huwa pjuttost stramb kif l-ewwel Qorti tellgħet lil Attard fuq pedestal ta' kredibilita' u onesta'. Jirriżulta ċar u tond fi kliemha stess li Attard kienet qiegħa twaddab il-ġebla u taħbi idejha. L-ewwel Onorabbli Qorti eżaminat diversi każi pero ma jidhirx li eżaminat l-Artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali. Huwa minnu li dan l-artikolu jgħid illi meta x-xhud uniku kontra l-akkużat ikun kompliċi l-Qorti għandha twissi lill-ġurati. Pero meta l-unika xhud ikun qed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma jfissirx li dan l-artikolu ma japplikax u min ikun quddiem il-QOM ikun żvantaġġjat għax hemmhekk jitwemmen bilfors. Għalhekk meta Philppa Attard il-ħin kollu kienet hi li tipprovoka kull ma kien qiegħed jiġri u tissuġġerixxi lil ħaddieħor f'dawk l-istejjer li hija stess tgħid, kemm għandha kredibilita? U hija żbaljata l-ewwel Qorti li tgħid li Attard u Cuschieri jaqblu li kienet l-imputata li għaddiet oġġett imgeżwer b'tape iswed lil Dominic Cuschieri (l-aħħar para. ta' paġna 44 tas-sentenza). Attard bl-ebda mod ma qalet li rat b'għajnejha tali konsenja u għalhekk ma setgħetx hi u tiġi korroborata minn Cuschieri jew hi tikkorrabora lil Cuschieri.

c. L-inattendibilita' tax-xhieda ta' Dominic Cuschieri: il-Qorti straħet fuq ix-xhieda ta' Cuschieri li għalih japplika l-Artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali li ma jistax jingħad li ma kienx kompliċi u konsegwentement ix-xhieda tiegħu kellha tittieħed b'ċertu ċirkospezzjoni. Għalhekk l-argument li ġabet il-Qorti li Cuschieri ħawwad fix-xhieda tiegħu u dan anke fuq mistoqsijiet li sarhulu allura hemmhekk kien intlaħaq l-iskop tal-kontro-eżami li ċertament mhuwhiex passatemp. Ma jfissirx li jsir kemm isir kontro-eżami il-Qorti għandha dritt tgħid imma jien se mmur naċċetta xhieda li ma smajtx. Mela għalfejn l-istess qorti ċċitat is-sentenza ta'

Gravina? Dak ukoll kien għamel dikjarazzjoni ġuramentata imma xorta kellu jinġieb għall-kontro-eżami.

d. Dwar l-imputazzjoni bl-ittra Ċ: minkejja li r-rappreżentanti tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin ġew jixhdu u ġabu r-recordings tat-telefonati li għaddew f'okkażjoni minnhom u uffiċjali ieħor tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin biex jikkonferma li David Gatt kellu l-Qorti fil-5 ta' Novembru pero' l-ebda xhud ieħor ma ġie biex jitkellem b'referenza għall-imputazzjoni mmarkata bl-ittra Ċ u ċjoe' li ddaħħlu oġġetti projbiti l-ħabs. Hemm xi xhud wieħed li jgħid illi Graziella marret il-ħabs ħmistax jew tlett ġimgħat qabel kienet xi riċerka impossibbli li ssir meta skont id-dettalji ta' hawnhekk kienet għall-ħabta tal-20 ta' Ottubru ta' dik is-sena? Ir-raġunamenti u l-argumenti tal-Qorti jistgħu jkunu biżżejjed biex joħolqu suspett raġonevoli imma hu magħruf kif dan mhux biżżejjed. Għalhekk l-imputazzjoni Ċ ma kienx hemm provi skont il-Liġi u suffiċjenti u għalhekk l-esponenti kellha għal-inqas tiġi lliberata minnha.

e. Dwar il-piena: hemm biżżejjed elementi biex l-akkuża Ċ tiġi eliminata u għall-kwalunkwe buon fini biex l-esponenti jkolha l-opportunita' biex wara dawn is-snin kollha li tibbenefika mill-provvedimenti tal-Kap. 537 partikolari u mhux ħabs effettiv.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u

[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

8. Din il-Qorti trid allura tara jekk u safejn dawn il-provi li jkunu prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. Allura trid tistħarreġ kemm dak il-provi jkunu legalment ammissibbli kif ukoll sostantivament rilevanti.

9. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

10. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

11. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

12. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

13. Illi nhar il-5 ta' Novembru 2012, il-Pulizija rċiviet informazzjoni mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li ċertu Graziella FRANCALANZA kienet sejra tipprova tgħaddi xi droga lill-priġunjier bl-isem ta' David Gatt magħruf bħala l-Gulia u dan meta dan tal-aħħar kien sejjer ikun ġewwa l-binja tal-Qorti hekk kif kien jirriżulta li dakinhar, Gatt, kellu

seduta quddiem il-Maġistrat illum Imħallef Edwina Grima. L-Ispettur Malcolm Bondin ta struzzjonijiet lill-Pulizija li kellhom ikunu stazzjonati mal-awla tal-Maġistrat Grima sabiex iwaqqfu lil FRANCALANZA malli din tidher quddiem l-awla fejn kien ser jidher Gatt u sabiex issirilha tfittxija. FRANCALANZA ġiet imwaqqfa minn WPS 237 u PS 1220 u ġiet skortata l-Għassa tal-Belt fejn hemmhekk kienet hi stess li għaddietilhom id-droga li kellha moħbija fl-indumenti intimi tagħha. Minn analiżi illi saret mill-espert Dr. Godwin Sammut maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali, jirriżulta li s-sustanza illeċita li kienet qiegħda ġġorr FRANCALANZA fuq il-persuna tagħha kienet droga erojina fil-kwantita' ta' 0.81g b'purita' ta' ċirka 32%.

14. Jirriżulta wkoll li filwaqt li kien hemm l-appellanta FRANCALANZA miżmuma l-Għassa tal-Belt, daħlet ċerta Odette akkumpanjata minn persuna oħra, fejn din għaddiet qalziet lill-Pulizija u qaltilhom kif kien hemm droga oħra moħbija fil-keffa tal-qalziet u li din id-droga kienet ħbietha hemmhekk l-appellanta fuq struzzjonijiet ta' ċertu Gilbert Busuttil li kien detenut fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u li Odette kienet sejra żżur hemmhekk.

15. Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li kien hemm iktar nies involuti f'dan iċ-ċirklu tad-droga, fosthom Philippa Attard u Dominic Cuschieri, dan tal-aħħar ukoll kien jinsab detenut fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Philippa Attard irrilaxxjat stqarrija mal-Pulizija nhar is-7 ta' Novembru 2012 fejn ukoll implikat lill-appellanta fi ftehim biex tiġi mgħoddija d-droga lil Dominic Cuschieri f'xi żmien fejn dan kien rikoverat l-isptar Mater Dei.

16. Il-Pulizija semgħu wkoll xi reġistrazzjonijiet ta' telefonati li kienu jsiru mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2012 u s-7 ta' Novembru 2012 u dawn jirriżulta li saru minn Dominic Cuschieri, Janis Caruana u Gilbert Busuttil. F'telefonata partikolari ta' nhar it-3 ta' Novembru 2012, fil-ħin indikat il-11.18 jirriżulta kif persuna bl-isem ta' 'Graziella' ġiet imsemmija b'mod ċar fost diskors ta' ġbir ta' flus u għotja ta' 'affarijiet'. Biex b'hekk il-Pulizija identifikaw lill-appellanta bħala dik il-'Graziella' li tissemma' fit-telefonati. Ukoll, f'telefonata reġistrata nhar it-22 ta' Ottubru 2012, David Gatt jinstema' jgħid lil persuna l-oħra li kienet fuq in-naħa l-oħra tat-telefon bħala 'Hawn Graz'.

17. Sussegwentement, nhar is-6 ta' Novembru 2012 u nhar it-12 ta' Novembru 2012 rispettivament, l-appellanta rrilaxxjat żewġ stqarrijiet bil-miktub mal-Pulizija u nhar is-27 ta' Novembu 2012 hija tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixlija fost oħrajn bit-traffikar ta' droga erojina u bil-pussess aggravat tal-istess.

**Kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-ewwel aggravju tal-appellanta dwar in-nuqqas ta' indikazzjoni taż-żmien fiċ-ċitazzjoni ta' meta saru l-allegati reati li ġiet mixlija bihom u li tagħha nstabet ħatja f'dawn il-proċeduri.**

18. Illi jibda biex jingħad li d-data ndikata fiċ-ċitazzjoni bħala dak iż-żmien li fih l-appellanta ġiet mixlija bil-kommissjoni tal-allegati reati tindika biss il-ġurnata tal-5 ta' Novembru u xi ġimgħat qabel din id-data iżda ma tindikax ukoll iż-żmien nonche' s-sena li fih twettqu l-istess. Dan ikun iwassal sabiex minn qari taċ-ċitazzjoni **<u>biss</u>**, ma jistax jiġi determinat bi preċiżjoni ż-żmien li twettqu l-allegati reati. L-Avukat Ġenerali tinsisti li dan in-nuqqas ta' preċiżjoni ġie sanat mill-fatt stess li d-data tal-allegati reati toħroġ b'mod inkonfutabbli mid-depożizzjonijiet tax-xhieda, fosthom l-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu nvoluti fl-investigazzjoni ta' dan il-każ, liema data tirriżulta illi kienet il-5 ta' Novembru tas-sena 2012. L-Avukat Ġenerali, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta), ukoll tabbraċċja d-duttrina li trid li ċ-ċitazzjoni titqies illi hija biss avviż ta' smiegħ tal-kawża u targumenta wkoll li ma jidhirx li tali impreċiżjoni ħolqot stat ta' konfużjoni jew preġudizzju fil-konfront tal-appellanta jew li din ġiet żvijjata b'mod tali li ma kinitx taf għal liema imputazzjonijiet hija kienet imsejħa sabiex twieġeb. L-Avukat Ġenerali tinsisti wkoll li wara kollox il-każ kontra l-appellanta dam għaddej madwar ħdax -il sena u matul dawn is-snin hija qatt ma kkontestat din l-impreċiżjoni fil-partikolaritajiet taż-żmien indikati fiċ-ċitazzjoni li ppromoviet il-kawża kontra tagħha.

19. Issa, l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta jaqra:

> Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu, jew li jistgħu jingħataw.

20. Illi l-partikolaritajiet taż-żmien, lok, u ħin ta' meta jitwettaq reat daqskemm ukoll tal-fatti li jsawruh iridu jkunu ppreżentati b'mod inekwivokabbli fiċ-ċitazzjoni sabiex il-ġudikabbli jkollu stampa ċara ta' dak li huwa jkun sejjer jiġi mixli tiegħu u jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.

21. Il-pożizzjoni legali klassika imħaddna mill-ġurisprudenza hija dik li ċ-ċitazzjoni għandha sservi biss bħala 'avviso a comparire' u li allura l-funzjoni tagħha għandha tkun meqjusa eżawrita ladarba l-imputat jippreżenta ruħu u jissottometti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti. Skont din il-linja tal-ħsieb, xi impreċiżjonijiet li jolqtu dawk il-partikolaritajiet indikati fl-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali m'għandhomx iwasslu għan-nullita' taċ-ċitazzjoni diment li l-iskop tagħha jkun intlaħaq. Anzi, huwa permess ukoll li ssir korrezzjoni taċ-ċitazzjoni fejn ikun hekk meħtieġ - anki f'każijiet ta' natura sommarja - sabiex l-imputat ikun jista' jirregola l-linja difensjonali tiegħu fid-dawl tal-korrezzjonijiet tal-partikolaritajiet taċ-ċitazzjoni.

22. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. John Mary Briffa** deċiż nhar it-18 ta' Ottubru 2005 intqal li l-Prosekuzzjoni għandha obbligu li titlob din il-korrezzjoni tempestivament. Din il-pożizzjoni ġiet ukoll segwita f'każijiet sussegwenti fosthom f'**Il-Pulizija vs. Warren Piscopo**[5] u **Il-Pulizija vs. Rita Theuma**.[6] Fil-kawża **Piscopo**, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet ukoll referenza għall-kawża oħra fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs. Nicolai Magrin** fejn għalkemm f'din tal-aħħar l-eċċezzjoni mistħarrġa kienet dik tan-ne bis in idem, intqal hekk fuq ir-rekwiżiti tal-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali:

> Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan l-inċident kollu seta' ġie evitat kieku l-Ispettur Prosekutur fl-ewwel kawża, appena ntebaħ li kellu żball fil-ħin li kien indikat fil-komparixxi, talab korrezzjoni biex iz-żewġ ittri 'am.' jinbidlu u jiġu sostitwiti biz-zewg ittri 'pm.'[7] Dan seta' jsir tempestivament kieku l-prosekutur kien 'alert' biżżejjed u l-Ewwel Qorti żgur li kienet tilqa' t-talba għal tali korrezzjoni u, f'każ li ma tilqagħhiex, tali deċiżjoni kienet tkun appellabbli. Dan pero' ma sarx meta seta' u kellu jsir fl-ewwel process. [...] f'dan il-każ din l-eċċezzjoni [ta' ne bis in idem] mhix applikabbli. Dan għaliex it-testimonjanza tas-Surgent (u ovvjament tax-xhieda l-oħra tal-Prosekuzzjoni) dwar il-ħin tal-inċident qatt u qatt ma setgħet twassal biex tinstab ħtija kontra l-appellat f'dik il-kawża għaliex altru inċident li ġara fit-

[5] Deċiża nhar id-19 ta' Ottubru 2011
[6] Deċiża nuar id-19 ta' Ottubru 2011.
[7] Enfasi miżjuda.

tmienja u kwart ta’ filgħodu u altru inċident li ġara fit-tmienja u kwart ta’ bil-lejl. Għalhekk it-tieni kawża bażata fuq komparixxi li turi l-ħin bħala dak tat-8.15p.m. kienet materjalment differenti f’element importanti mill-ewwel akkuża, u ċioè l-ħin.[8]

23. Ikun ukoll isegwi li xi impreċiżjonijiet fiċ-ċitazzjoni lanqas ma jfisser li għandhom jissarfu b’mod awtomatiku fil-liberazzjoni tal-imputat diment li dan tal-aħħar ikun ingħata l-opportunita’ li jirregola ruħu sabiex iħejji b’mod adegwat id-difiża proprja. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deċiż fil-5 ta’ Awwissu 2003 intqal:

> Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta’ xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta’ dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista’ jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista’ jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista’ wkoll, wara li jkun sema’ l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f’posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f’kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S’intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b’cirkospezzjoni kbira u biss f’kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il-prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista’ jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa’ sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f’ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista’ tinqata’ f’dik l-ewwel gurnata tas-smigh.

24. Dan ikun ifisser allura li f’sitwazzjoni fejn in-nuqqas ta’ rekwiżiti **ma jippreġudikax il-każ kontra l-imputat**, il-Liġi stess tippermetti li l-kawża tibqa’ għaddejja wara li jsiru d-debiti korrezzjonijiet. Iżda l-kwistjoni fundamentali tibqa’ eżattament fejn trid tinġibed il-linja fejn ikun jista’ jingħad li ċitazzjoni tkun tirrispetta r-rekwiżiti legali għal oħra li ma tkunx – u naturalment l-effett li dan jista’ jkollu jew ma jkollux fuq l-eżerċizzju tal-azzjoni penali li tikkonsegwi.

25. It-tweġiba tinsab fl-iżvilupp tal-kunċett taċ-ċitazzjoni meqjusa bħala “avviso a comparire” moqri fid-dawl tal-iżviluppi legali ta’ natura penali kif ukoll dawk tal-jeddijiet tal-bniedem f’Malta u lil hinn minnha.

[8] Enfasi miżjuda.

26. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina** deċiż nhar is-26 ta' Mejju 2004 fejn intqal:

> Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:
>
> "L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.** (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, ii l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami).

27. Fil-fatt f'**Mortimer**, l-Imħallef William Harding jispjega li l-artikolu 360(2)[9] tal-Kodiċi Kriminali kien ġie miżjud bl-Ordinanza IX tal-1911. Qabel din iż-żieda, dan l-artikolu kien jipprovdi biss li meta ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed biex persuna titressaq bl-arrest, il-Pulizija Eżekuttiva kellha tħarrek lill-imputat b'ordni bil-miktub sabiex tidher quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja. Kien ikun fil-Qorti imbagħad li dik il-persuna kienet tiġi infurmata bir-reat kriminali li għalih tkun ġiet imsejħa twieġeb.

28. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri** deċiż fit-18 ta' Marzu 1955 l-Imħallef William Harding spjega wkoll li fis-sentenza **Terreni vs Gabaretta**, deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Ġunju 1880 il-posizzjoni dwar iċ-ċitazzjoni dak iż-żmien kienet illi ma kienx indispensabbilment neċessarju li l-Qorti tal-Maġistrati żżomm strettament u preċiżament

[9] Fi żmienu l-artikolu 372(2) tal-Kodiċi Kriminali.

mat-termini oriġinali taċ-ċitazzjoni anche meta l-proċediment ikun ex officio. Sir Antonio Micallef żied jgħid ukoll li l-Qorti setgħet fi kwalunkwe każ serenament tistrieħ fuq il-provi riżultanti **wara** li tkun ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni; b'dan illi jekk il-Qorti jkun jidhrilha meħtieġ jew jekk issirilha talba għal dak il-għan mill-imputat, hija kellha takkorda ftit żmien lill-imputat biex ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu fuq dak li jkun irriżulta mill-provi.

29. Bil-bidla li kienet saret fl-1911, din il-posizzjoni legali dwar l-**għan** taċ-ċitazzjoni ma nbidletx. Dak li kien inbidel huwa l-**forma** tagħha intiża biex tipprovdi lill-imħarrek aktar dettalji b'mod li huwa jkun jaf aħjar dwar dak li jkun ġie mħarrek dwaru.

30. Mid-dibatti tal-Kunsill tal-Gvern li waslu għal din l-emenda jirriżulta li l-iskop wara din l-emenda ma kienx li jibdel dak li sa dak iż-żmien kienet il-posizzjoni legali relattiva għaċ-ċitazzjoni u ċjoe li tkun isservi biss ta' mezz li bih persuna tiġi preżentata quddiem l-awtorita ġudizzjarja; u mingħajr ma din iċ-ċitazzjoni tiġi mqiegħda fuq l-istess livell tal-att tal-akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Ma kienx intiż li ċ-ċitazzjoni tingħata l-forma solenni li kellu jingħata lill-att tal-akkuża. Anzi skont l-Avukat tal-Kuruna li pparteċipa fid-dibattiti dwar din l-emenda saħaq li ċ-ċitazzjoni ma kellhiex tkun meqjusa bħala intimazjoni ta' imputazzjoni – **La citazione nella sua essenza non e' la intimazione di una imputazione** – ġie kwotat jgħid. Anzi huwa proċediment differenti minn dak li jsir quddiem il-Qorti Kriminali in kwantu huwa proċediment sommarju. L-Avukat tal-Kuruna saħaq li l-imputazzjoni vera hija dik li tiġi proposta quddiem il-Qorti viva voce mill-Prosekuzzjoni kontra tal-imputat. Id-dibattitu bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża ma jseħx grazzi għaċ-ċitazzjoni iżda jseħħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bis-saħħa tal-kwerela u bl-esposizzjoni tal-fatti magħmula quddiem il-Qorti da parti tal-Uffiċjal Prosekutur.

31. Bis-sistema viġenti qabel l-1911, l-imputat kien jirċievi ċ-ċitazzjoni mingħajr ma kien ikollu indikazzjoni biżżejjed biex ikun jaf għal xiex ried jirrispondi quddiem dik il-Qorti u għalhekk kien jinħela l-ħin f'differimenti biex ikun jista' jipprepara u jiddefendi ruħu. Kien għalhekk li l-Avukat tal-Kuruna kien ħass li kien aktar għaqli li filwaqt li ċ-ċitazzjoni tibqa' dejjem dokument li bih imputat jiġi msejjaħ jidher il-Qorti, fl-istess waqt kien meħtieġ li l-imputat ikollu informazzjoni

biżżejjed minn qabel biex ikun jaf b'xiex inhu mixli biex b'hekk jitla' l-Qorti preparat għall-kawża tiegħu.

32. Kemm fis-sentenza **Mortimer** kif ukoll fis-sentenza **Spiteri** l-Imħallef Harding imbagħad jiċċita s-sentenza tal-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawża **La Polizia vs Ashby** deċiża fit-12 t'Awissu 1917 fejn l-Imħallef Sir Luigi Camilleri kien iddeċieda li l-indikazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 360 **ma kienux essenzjali**. Iċ-ċitazzjoni ma kienet xejn ħlief l-ordni mogħtija mill-Pulizija lill-imħarrek sabiex huwa jidher il-Qorti f'data u ħin mogħtija lilu meta ma jkunx hemm lok li huwa jittieħed il-Qorti taħt arrest. Dak kien l-iskop u l-karattru essenzjali taċ-ċitazzjoni. L-emendi li kienu saru fl-1911 ma kienux tali li jibdlu din il-posizzjoni legali għalkemm kienu intiżi biex jagħtu aktar informazzjoni lill-imħarrek biex qabel jitla' l-Qorti jkun jista' jipprepara d-difiża tiegħu.

33. L-Imħallef Harding f'dawn iż-żewġt kawżi jtenni li din hija interpretazzjoni li hija konsoni mal-interpretazzjoni mogħtija lill-kunċett taċ-ċitazzjoni skont il-Liġi ingliża li minnha l-Liġi Maltija hija mnissla. Huwa jisħaq li ma jistgħux jitqajmu u jintlaqgħu oġġezzjonijiet għal difetti fil-forma jew fis-sustanza tal-avviżi. Dak li kellu dritt għalih l-imputat fl-avviż huwa reasonable information as to the nature of the charge. **Reasonable** trid tiġi mifhuma fil-kuntest taċ-ċitazzjoni, u għalhekk fil-kuntest ta' proċediment sommarju. Jekk tirriżulta varjanza tali li l-Ġudikant jidhirlu li minħabba fiha l-ġudikabbli jkun ġie **decieved or misled** allura f'dak il-każ, il-ġudikabbli jkollu dritt li jitlob, u jingħata mill-Qorti, differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu minħabba l-varjanza li tkun irriżultat. U huwa għalhekk li ma tistax tiġi invokata n-nullita taċ-ċitazzjoni sempliċiment minħabba li jkun hemm differenza, **variance** bl-Ingliż, bejn l-avviż u l-provi li jitresqu fil-kawża.

34. Apparti minn hekk il-Liġi tippermetti wkoll li jsiru korrezzjonijiet f'dawn il-partikolaritajiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u fil-kwereli. Dan ukoll ġie deċiż mill-Imħallef Harding fl-appell kriminali **Consiglio Mangion nomine vs Turu Callus et** deċiż fit-2 t'April 1948. L-artikolu 360 bl-ebda mod ma jostakola tali korrezzjonijiet. Għal massimu f'każ ta' talba għal korrezzjoni l-imputat ikollu dritt li jitlob, u jaqla' differiment tal-udjenza biex ikun jista' jirregola ruħu.

35. Il-loġika wara din il-posizzjoni hija wkoll għaliex jekk minħabba tali varjanzi l-imputat ikun ġie **misled** jew **deceived**, huwa għandu dritt li jkollu żmien jiddefendi ruħu. Apparti minn hekk il-Kodiċi Kriminali kien jippermetti korrezzjoni tal-att tal-akkuża, dokument solenni a differenza taċ-ċitazzjoni. Għalhekk kien ikun illoġiku li jkun hemm **technical strictness** akbar fil-każ taċ-ċitazzjoni li huwa dokument mhux solenni, mentri jkun hemm lok għal possibilta ta' korrezzjoni fil-każ ta' dokument solenni bħal ma huwa l-att tal-akkuża.

36. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs Toni Mifsud** deċiż nhar is-16 ta' Mejju 1953, l-Imħallef William Harding daħal fil-kontroversja meta jkun hemm diskrepanza fil-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta mill-provi. F'dan il-każ, dik il-Qorti ddeċidiet li l-artikolu 360 jeħtieġ li fiċ-ċitazzjoni jingħataw partikolaritajiet dwar iż-żmien. B'dan il-Liġi riedet tifhem li ż-żmien setgħa jiġi kostitwit mix-xahar u mill-ġurnata jew mid-data tax-xahar u mis-sena iżda mhux neċessarjament ukoll mill-ħin – għalkemm dan ikun għaqli biex l-informazzjoni fiċ-ċitazzjoni tkun kemm jista' jkun ċara u univoka.

37. Kif imtenni fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Bartoli** deċiża minn dik il-Qorti nhar it-8 ta' Jannar 1938 l-att taċ-ċitazzjoni tnissel mill-Liġi ingliża li kienet teħtieġ li ċ-ċitazzjoni jkun fiha **reasonable information as to the nature of the charge**. U li jekk b'dik l-informazzjoni skorretta l-imputat kien iħoss li ġie **misled** jew **deceived**, huwa dejjem kellu l-jedd li jitlob li jingħata differiment sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi lilu nnifsu aħjar. F'dak il-każ, irriżulta li l-imputat kien ikkontesta l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u kien wera ben tajjeb li kien jaf għall-liema ċirkostanzi l-imputazzjoni kienet tirreferi u għalhekk ma kienx hemm lok li l-aggravju tiegħu fuq id-difett fiċ-ċitazzjoni jiġi milqugħ.

38. Din il-kwistjoni ta' żbalji fiż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni, nonche l-problematika tal-possibilita li l-Prosekuzzjoni titlob u tottjeni korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni kienet ukoll il-meritu tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri** aktar il-fuq imsemmija. F'dik il-kawża t-talba kienet saret għal bidla fl-imputazzjonijiet billi mad-data tiżdied il-frażi "fl-aħħar tliet xhur qabel". Din it-talba <u>**saret wara**</u> li kienu ingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni. Id-Difiża oġġezzjonat għal tali bdil iżda l-Qorti tal-Maġistrati kienet laqgħet it-talba għal tali bdil. Dan wassal għal dak l-appell. Il-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Imħallef

William Harding, ħadet l-istess posizzjoni bħal fil-kawżi **Mortimer**, ddeċidiet li l-posizzjoni dwar l-avviż bħala avviso a comparire kienet konsolidata b'diversi ġudikati tal-appelli kriminali fosthom **La Polizia vs Debono** tat-12 ta' Jannar 1918, **Carabott vs Galea** tat-12 t'Awissu 1918, **Il-Pulizija vs Carmelo Mariani** deċiża 12 ta' Ġunju 1942, u tal-Qorti Kriminali kolleġjalment komposta fl-ismijiet **Ir-Reġina vs Cutajar** tat-13 ta' Diċembru 1954. Dik il-Qorti ddeċidiet li, in bażi għal dak stabbilit bil-kawża **Ashby**, iċ-ċitazzjoni ma tistax titqabbel mal-att tal-akkuża u n-nuqqas ta' partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali ma kienux iġibu n-nullita taċ-ċitazzjoni, liema nuqqas jista' biss jintitola lill-imputat li jitlob u jottjeni differiment sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu aħjar.

39. Biss dwar il-punt aktar kontrovers dwar jekk tali korrezzjoni setgħetx issir wara li l-Prosekuzzjoni tkun għalqet il-provi tagħha, dik il-Qorti Kriminali iddeċidiet li fi proċediment sommarju ma hemm xejn li jżomm lill-Ġudikant li:

> għal raġuni ġusta, u anke l-Qorti "marte proprio" tordna li jerġa jinfetaħ is-smiegħ, sia pure biex titbiddel l-imputazzjoni kif sar f'dan il-każ; basta tingħata, kif ingħatat f'dan il-każ, l-opportunita ta' differiment, jekk l-imputat irid dan id-differiment.

40. Fl-appell kriminali deċiż fis-6 ta' Marzu 1954 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Frank Borg**, kien ġie deċiż li:

(a) il-kunċett li fil-ġudizzji sommarji ċ-ċitazzjoni hija ordni ta' komparizzjoni kien saret kwistjoni ta' **jus receptum**;
(b) l-enuċjazzjoni tal-fatti kontenuti fiha mhix il-bażi essanzjali u assoluta tal-inkriminazzjoni;
(c) l-Qorti setgħet issib ħati imputat ta' reat divers minn dak li jidderiva minn dik l-enunċjazzjoni u li jkun irriżulta mill-provi li seħħ – basta li, jekk jagħmel talba apposita, l-imputat ikun jista' jingħata żmien biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni ta' dan ir-reat l-ieħor;
(d) din il-kawża wkoll kienet ippermettiet bidla fl-avviż wara li kienu ingħalqu l-provi mill-Prosekuzzjoni.

41. Din il-posizzjoni legali relattiva għall-istatus legali taċ-ċitazzjoni bħala merament **avviso a comparire** baqgħet tiġi segwita mill-Qrati Maltin kostantement, inkluż kważi verbatim mill-Imħallef Wallace

Gulia fil-kawża **Il-Pulizija vs. Noel Zarb Adami** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-19 ta' Ġunju 1989.

42. Fil-kawża **Il-Pulizija vs. Godwin Agius** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Jannar 2003 kienet ukoll għamlet riferenza għal diversi sentenzi preċedenti u qalet hekk:

> 6. Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Bezzina moghtija fis-26 ta' Mejju 2004:
>
> "F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:
>
> "'Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1- akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.'
>
> "Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:
>
> "'L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."
>
> "U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl- ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:

"'Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal- proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall- imputazzjoni dedotta.

"'.....

"'Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l- ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal- Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic- citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."

"Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis- sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Philip Schembri moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din ilQorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

"'Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il- htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.'"

7. Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-hin, izda l-artikolu 360(2) ma jirreferix ghall-"hin" tar-reat izda ghaz-"zmien" u c-citazzjoni effettivament taghti indikazzjoni taz-"zmien" meta allegatament sehh ir-reat in kwistjoni meta tghid "f'dawn l- ahhar gimghat" li naturalment jigu kalkolati lura mid-data tac-citazzjoni (is-6 ta' April 2011). Huwa minnu li fic- citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-lok fejn allegatament sehh ir-reat izda, apparti li l-appellant kien jaf ben tajjeb ghal liema xatba kienet qed issir referenza fic-citazzjoni, fid-dawl tal-gurisprudenza sucitata, tali nuqqas ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni jew tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza. Konsegwentement it- talba ta' l-appellant biex is-sentenza appellata tigi dikjarata nulla hi michuda.

43. Imbagħad fl-appell kriminali msemmi **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deċiż fil-5 t'Awissu 2003 intqal:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid- dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma

jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l- ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal- prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il- prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh. Issa, fil-kaz in dizamina ma ghandniex kawza sommarja, izda kumpilazzjoni. Fi kliem iehor il- provi ingabru fuq numru ta' granet, u mill-provi mismugha wiehed seta' facilment jifhem il-"post", il-"hin" u c- "cirkostanza" ta' kull imputazzjoni. Meta, ghalhekk, l- appellant Zahra gie biex jaghmel id-difiza tieghu huwa kien jaf ezattament b'liema fatti kien qed jigi imputat, u liema kienu r-reati li kienu qed jigu ipotizzati fil-konfront tieghu (u dan, naturalment, aktar u aktar wara n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali). Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

44. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs Francis Portelli** maqtugħ fit-3 ta' Marzu 1992, ġie deċiż li n-nuqqas tal-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma kienetx iġġib in-nullita taċ-ċitazzjoni; għalkemm id-difett tagħhom jista' jġib in-nullita' fil-każ li jirrendi l-imputazzjoni inċerta. Iċ-ċitazzjoni pero xorta kienet tirrikjedi li jkun fiha fatti tal-akkużа li tiġbor fiha r-reat jew reati ipotizzati u li eventwalment ikunu jridu jiġu moqrija fil-Qorti mill-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 374 u 375 tal-Kodiċi Kriminali skont il-każ. Iċ-ċitazzjoni għalhekk xorta waħda ried ikollha fiha l-fatti li juru ċar ir-reat li bih persuna tkun qed tiġi mixlija u dan għandu jsir mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni u b'tali mod li l-imputat ikun jaf dwar liema reat jew reati jkun qed jiġi mixli bihom u għal liema reat għandu jwieġeb.

45. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Zammit** deċiż fit-13 ta' Jannar 2016, ġie mistqarr li għalkemm ma kienx hemm dubju li "għall-ħabta tal-11.00" mhuxwiex l-istess bħal "għall-ħabta ta 14.00", l-anqas ma kien hemm dubju li l-appellant kien jaf sew għall-liema

inċident il-każ kien qiegħed jirreferi. Apparti minn hekk fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Grixti** deċiż fis-26 ta' Marzu 2018 differenza fil-komparixxi bejn l-isem Mary u Maria kienet ritenuta bħala li ma taffettwax l-imputazzjoni u l-aggravju relattiv ġie miċħud.

46. Kif allura intwera, minkejja l-iżviluppi li saru fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, kif ukoll dawk li ssuċċedew fil-kamp tad-drittijiet tal-bniedem, il-Liġi Maltija xorta baqgħet imfassla fuq il-prinċipji li Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tinvestiga u tixli lil persuni suspettati li jkunu wettqu reati kriminali li jkunu jaqgħu taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati jew bl-arrest jew bil-mezz taċ-ċitazzjoni skont il-każ. Il-Liġi regolanti ċ-ċitazzjoni inbidlet maż-żminijiet kif ukoll ġralha l-konsegwenti proċedura applikabbli. Iżda fl-essenza tagħha ċ-ċitazzjoni baqgħet sostanzjalment l-istess minkejja d-differenza fil-kompetenza aktar il-fuq imsemmija.

47. Jirriżulta wkoll però li l-ġurisprudenza evoluta tagħti iżjed piż liċ-ċitazzjoni dokument li, għalkemm mhux identiku għall-att tal-akkuża, xorta waħda jibqa dak li bih proċedura kriminali tiġi istitwita quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. Allura għalkemm in-natura tal-att ġudizzjarju baqgħet invarjata, dak li inbidel kien il-mod kif il-Qrati jħarsu lejn l-importanza li l-kontenut ta' dak l-att ikun wieħed ċar, inekwivoku u li jippermetti lill-ġudikabbli li jkun jista' faċilment jifhem dak li l-Istat ikun qiegħed jixlih bih biex ikun jista' jiddefendi ruħu sew.

48. Iżda ladarba l-Prosekuzzjoni tixli, hija għandha r-responsabbilta' li tara li dak li tixli bih ikun fattwalment u legalment korrett. Jekk iċ-ċitazzjoni jkun fiha ineżattezzi jew żbalji, dawn fihom infushom ma jġibux, awtomatikament, in-nullita taċ-ċitazzjoni jew tas-sentenza. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni tkun tista' tieħu attitudni leġġera jew allegra lejn iċ-ċitazzjoni jew il-kontenut tagħha. Jibqa' dmir tal-Uffiċjal Prosekutur li jassigura li fejn ikun hemm tali żbalji jew ineżattezzi, dawn għandhom jiġu korretti. Dan huwa possibbli u l-ġurisprudenza relattivament reċenti tissorreġih.

49. Fil-fatt fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Glen Debattista** tat-23 ta' Diċembru 2003 din il-Qorti diversament presjeduta saħqet:

> L-appellant ghandu bazikament tlett aggravji, li ser jigu kkunsidrati seriatim. L-ewwel aggravju hu fis-sens li "l- akkuza" kienet nulla, u dan peress li fic-citazzjoni ma kienx hemm indikazzjoni "tal-fatti" kif preskritt fl-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali. Dan l-aggravju hu infondat u jirrazenta l-fieragh.

Kif spiss gie ritenut minn din il-Qorti – u kif inhi, del resto, prassi inveterata – ir-rekwizit ta' "il-fatti ta' l-akkuza", imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, ikun sodisfatt jekk il-prosekuzzjoni tuza il-kliem testwali tad-disposizzjoni tal-ligi li tohloq ir-reat li jkun qed jigi ipotizzat bl-imputazzjoni. Huwa veru li l-prosekuzzjoni setghet, ghal aktar kjarezza, tghid fl-imputazzjoni li l-att awtentiku u pubbliku in dizamina kien licenzja ta' vettura (il-kelma "licenzja" tissemma biss fit-tieni imputazzjoni); pero` tali karenza ma ggibx in-"nullita`" tal-akkuza – sia jekk ta' l-akkuza (jew, ahjar, imputazzjoni) per se u sia jekk tac-citazzjoni. Kif ukoll gie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX ta' l-1911, ic- citazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux il-bazi ta' l-imputazzjoni; l-imputazzjoni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis- subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal proceduri ex officio bil- paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-kaz tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jigi konfermat bil-gurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1**)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhhu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l- provi tieghu fl-istess gurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tinghata wkoll f'dik il-gurnata (Art. 377(1)). Ghalhekk, jekk "il-fatti ta' l-akkuza" ikunu gew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik li hija ligi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha – u allura l-imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.** Mid-diversi verbali registrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-icken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda principali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l- fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront tieghu. Ghalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jinghad li l-appellant gie pregudikat fid-difiza tieghu. Fl-ahharnett il-Qorti tosserva li l-posizzjoni hija differenti meta si tratta tal-forma aktar solenni tal-Att ta' Akkuza fil-Qorti Kriminali – hawn il- legislatur kjarament jiddistingwi bejn "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat" u "r-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi" – paragrafi (c) u (d) tal-Artikolu 589. Pero` anke hawn tista' issir korrezzjoni skond ma jipprovdi l-Artikolu 597 tal-Kodici Kriminali, salv ghas-sitwazzjoni prevista fil-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449. Konsegwentement dan l-aggravju qed jigi respint.

50. Din il-Qorti taqbel mal-posizzjoni adottata mill-Imħallef Harding fis-sentenzi tiegħu fejn saħaq li l-ġurisprudenza regolanti ċ-ċitazzjoni, bażata kif inhi fuq il-ius receptum, tisħaq fuq il-fatt li fejn ikun hemm diskrepanza bejn dak imniżżel fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta fil-kwerela u quddiem il-Qorti, huwa dak li jirriżulta quddiem il-Qorti li jipprevali u mhux dak li jkun miktub fiċ-ċitazzjoni, sakemm ma jkunx hemm diskrepanzi kbar tali li l-akkuża ma tkunx sostenibbli. Dak li l-

imputat fi proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[10] għandu dritt għalih huwa li, meta jirriżulta li hemm diskrepanza bejn dak li hemm fiċ-ċitazzjoni u dak li jirriżulta mill-provi, jingħata l-opportunita li jiddefendi ruħu dwarha, u dan sakemm dik id-diskrepanza, ossija **variance** ma tkunx tirrendi l-imputazzjoni tant inċerta li allura tkun nulla minnha nnifisha.

51. Għal dan il-għan l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jitlob li ssir il-korrezzjoni relattiva filwaqt li l-imputat ma għandux dritt li jwaqfu milli jagħmel tali talba għal korrezzjoni jew saħansitra jikkontendi li l-avviż huwa null. F'dak il-każ l-imputat għandu dritt jitlob differiment biex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu aħjar.

52. Dan għaliex jekk tirriżulta li xi wieħed minn dawn il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jkunx jaqbel mal-provi prodotti, dan ma jġibx in-nullita tal-avviż. Ikun ifisser li dak li l-imputat ikun irid jirrispondi għalih u jiddefendi ruħu minnu irid ikun b'riferenza għal dawk il-fatti li jirriżultaw mill-provi. U huwa għalhekk li, fi proċediment sommarju fejn id-differimenti għandhom ikunu l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, l-imputat ikun jista' jitlob li jingħata differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu b'dawk iċ-ċirkostanzi ġodda li jkunu rriżultaw u dan biex jiġi evitat kwalunkwe ombra li biha jkun jista' jiġi **deceived** jew **misled**. Dment li huwa jingħata l-opportunita sħiħa li jiddefendi ruħu mill-istat li jkun irriżulta mill-provi, l-imputat ma jistax iressaq ilment.

53. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputata bir-reati li skont il-Prosekuzzjoni seħħew fil-**5 ta' Novembru** mingħajr ma forniet l-informazzjoni dwar f'liema sena partikolari seħħew. Issa allura dan in-nuqqas irid jiġi mistħarreġ fl-isfond tan-natura tal-proċedimenti li qegħdin jiġu trattati, tal-kuntest kollu ta' din iċ-ċitazzjoni u li fih ġiet preżentata, tal-provi li ġew prodotti, u kif ukoll l-opportunitajiet kollha li d-Difiża kellha biex tiddefendi ruħha għal din l-imputazzjoni nonche stħarriġ ta' kemm il-ġudikabbli setgħa ġie **deceived** jew **misled** b'dan in-nuqqas fiċ-ċitazzjoni nonche tad-dmirijiet tal-Prosekuzzjoni li jieħdu posizzjoni pro-attiva fil-prosekuzzjonijiet tagħhom.

---

[10] skont l-artikolu 374(i)(i) kif ukoll reż applikabbli għal proċedimenti ex officio bl-artikolu 375(c) jew bl-artikolu 390(1) tal-Kodiċi Kriminali fil-proċedimenti istruttorji.

50. Huwa għalhekk li dawn il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet fiċ-ċitazzjoni jridu jiġi mistħarrġa b'attenzjoni kbira u dejjem każ b'każ. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li mill-provi prodotti f'dan il-każ ma kienx hemm dubju li l-episodju inkriminat u li għalih kienet qegħda tirreferi l-Prosekuzzjoni kien dak li seħħ fil-5 ta' Novembru 2012. Iżda f'dan il-każ, allura, għaliex il-Prosekuzzjoni ma inkludietx l-annu wkoll fl-indikazzjoni taż-żmien li fih seħħew ir-reati? Ma kienx importanti wkoll li fl-imputazzjoni tiġi inkluża indikazzjoni inekwivoka dwar l-annu bħala parti mir-rekwiżit taż-żmien li huwa meħtieġ li ċitazzjoni tkun tikkontjeni?

51. Fil-verita, għalkemm huwa minnu li dan huwa proċediment li formalment huwa wieħed ta' natura sommarja, mill-banda l-oħra mhux sempliċi proċediment sommarju ordinarju. Fil-fatt għalbiex dan il-proċediment setgħa jibda u jitkompla b'mod sommarju quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, dan il-proċediment kellu jgħaddi minn taħt l-iskrutinju tal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali għal żewġ raġunijiet :

(a) qabel xejn kellha ssir l-analiżi dwar jekk il-każ kellux jitmexxa b'mod sommarju fis-sensi tal-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali. Dan fil-fatt seħħ in kwantu jirriżulta l-kunsens tal-Avukat Ġenerali datat 27 ta' Novembru 2012 eżebit a fol 8; imma iżjed minn hekk
(b) dan huwa proċediment dwar reati marbuta mal-abbuż tad-droga u allura ritenibbli sommarju grazzi għall-eżerċizzju tal-Ordni maħruġ mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, datat 27 ta' Novembru 2012 kif jirriżulta wkoll a fol 9.

52. Allura wieħed ukoll jippreżumi li dawk l-istess imputazzjonijiet a fol 1, li wkoll huma datati 27 ta' Novembru 2012 kienu għaddew ukoll mill-għarbiel tal-iskrutinju tal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali. Iżda minkejja dan, huwa evidenti li l-formula użata kienet dik li l-appellanta tiġi mixlija bil-kommissjoni ta' reati fil-5 ta' Novembru mingħajr indikazzjoni għall-annu relattiv. U allura dan ifisser li jekk, gratia argomenti kien hemm **lapsus calami** da parti tal-Uffiċjal tal-Pulizija prosekutur, kien hemm ukoll **lapsus vigilantiae** minn naħa tal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali. Agħar minn hekk dan il-**lapsus** qatt ma ġie indirizzat b'talba għal korrezzjoni minn naħa tal-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, anke jekk kien wieħed evidenti.

53. Il-każ in diżamina għalhekk imur oltre minn sempliċi diskrepanza bejn iż-żmien kif indikat fiċ-ċitazzjoni għal dak li jemerġi mill-provi miġjuba. Hawnhekk si tratta ta' sitwazzjoni fejn fl-imputazzjoni ma kellekx il-parametri taż-żmien li fihom persuna ġiet mixlija li kienu kompluti minħabba n-nuqqas tat-tismija tal-annu meta seħħew fih dawk ir-reati. B'hekk f'dan il-każ ma jistax jingħad li kien hemm diskrepanza għaliex biex ikollok diskrepanza loġikament irid ikollok informazzjoni biżżejjed biex ikun jista' jsir paragun bejn biċċa informazzjoni u biċċa informazzjoni oħra li tkun ġiet esperita fil-kawża.

54. Huwa minnu li f'dan il-każ is-sena "2012" ġiet indikata fid-depożizzjonijiet tax-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin, ta' WPS 237 Antonella Vella, ta' WPS 217 Alison Formosa u ta' PS 1220 Chris Baldacchino. Huwa minnu wkoll li dik is-sena dehret kullimkien barra fil-parametri taż-żmien li fihom FRANCALANZA ġiet mixlija formalment. L-anqas ma hemm dubju li l-ġudikabbli kienet taf għall-liema sena l-imputazzjoni kienet qegħda tirreferi.

55. Iżda l-kwistjoni mhix sempliċiment hekk u tmur oltre minn dan. Il-kwistjoni hija kemm, fiż-żminijiet tal-lum, huwa sikur u sodisfaċenti li, fi proċedimenti li ma humiex proċedimenti purament sommarji fis-sensi tal-artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali iżda li jsiru sommarji taħt il-proċeduri speċjali taħt il-Kodiċi Kriminali jew liġijiet oħra, persuna tista' tiġi mixlija u misjuba ħatja ta' reati kriminali serji, possibbilment b'piena li tista' titla' sa' tnax il-sena priġunerija, fuq dokument ossija ċitazzjoni maħruġa mill-Pulizija u li suppost ġiet mistħarġa mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali għad-debitu kunsens sommarju u Ordni ġurisdizjonali rispettiv, li fih ikun hemm il-bażi temporali tal-imputazzjoni li fuqha dik ir-responsabilita kriminali tkun imsejsa li tkun difettuża u liema difett jibqa' ma jiġix korrett matul kważi għaxar snin ta' proċeduri ġudizzjarji penali.

56. Bid-dovut rigward, f'dan il-każ, din il-Qorti ma tqisx li kien jista' jingħad li teżisti kompatibilita' jew linearita' bejn dak iż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni u dik id-data kif temerġi mill-provi għaliex fl-assenza tal-indikazzjoni tal-parametri temporali fiċ-ċitazzjoni ma teżisti l-ebda bażi sabiex isir dan il-paragun.

57. Din il-Qorti ma tistax taqbel mar-raġunament tal-Avukat Ġenerali daqskemm tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn dawn bbażaw ruħhom fuq il-kontenut tad-depożizzjonijiet tax-xhieda sabiex jiddeduċu l-parametri temporali li fuqhom huma msejsin l-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra l-appellanta. Iżda din il-Qorti m'għandhiex tingaġġa ruħa f'eżerċizzju ta' deżunzjoni ta' x'inhi d-dimensjoni temporali li fiha ġew kommessi l-allegati reati hekk kif dan għandu jemerġi b'mod ċar u preċiż miċ-ċitazzjoni kif imfassla mill-Prosekuzzjoni. Il-Qorti għandha tillimita ruħha li tanalizza jekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jistax jinkwadra ruħu fil-parametri temporali kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni abbażi ta' dak li jemerġi mill-kwadru probatorju li jkollha quddiemha. Li kieku l-Qorti taġixxi diversament tkun qiegħda tipprova tagħmel tajjeb għal dawk in-nuqqasijiet, liema nuqqasijiet jistgħu faċilment jiġu korretti u sanati f'kull fażi tal-proċedura, bid-debita kawtela li mbagħad jingħata ż-żmien opportun lill-imputat sabiex jirregola ruħu.

58. Fit-tieni lok, din il-Qorti ma tistax tabbraċċja l-argument tal-Avukat Ġenerali fejn din bħal ippretendiet li n-nuqqas ta' preċiżjoni fl-indikazzjoni ta' kriterju importanti bħalma hu l-kriterju taż-żmien jiġi kkontestat mill-imputata u li fin-nuqqas li dan isir allura jkun aċċettabbli diment li ma jkunx ġiet '**misled**' jew '**deceived**'.

59. Din il-Qorti tqis li dan huwa argument kemmxejn perikoluż li ċertament ma jimxix id f'id mal-kurrenti moderni favur is-salvagwardja tad-drittijiet tas-smiegħ xieraq tal-imputat. B'dan l-argument l-Avukat Ġenerali tkun qiegħda tissorvola prinċipju bażilari tad-dritt proċedurali u ċjoe' li hija l-Prosekuzzjoni li tmexxi l-kawża kontra l-imputat u li għandha dmir u l-obbligu li tfittex il-preċiżjoni ta' dik li hija mhux biss ċitazzjoni iżda l-bażi tal-akkuża kif formulata kontra l-imputat daqskemm il-bażi tal-azzjoni kriminali li tkun ittieħdet kontra tiegħu.

60. Iċ-ċitazzjoni, f'dawk il-kawżi li jaqgħu fil-limiti tal-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati għandha l-istess funzjoni tal-Att tal-Akkuża f'kawżi li jeżorbitaw din il-kompetenza u bħal din għandha titqies li hija fundamentali għat-tmexxija u estradar tal-kawża kontra l-imputat, daqskemm hu permess li jsiru l-korrezzjonijiet fejn dan huwa permess mil-Liġi. Iżda tali obbligu ta' korrezzjoni jinkombi l-ewwel u qabel kollox fuq il-Prosekuzzjoni li fi ħdax -il sena li damet għaddejja l-kawża qatt ma ntalbet.

61. F’dan il-każ fil-mankanza ta’ indikazzjoni tal-parametri temporali li fihom twettqu l-allegati reati, din il-Qorti ma tistax tasal għall-ġudizzju seren li l-appellanta wetqet ir-reati fuq binarju ben definit, fi żmien preċiż. Għalkemm huwa minnu li dawn il-parametri temporali joħorġu biċ-ċar mix-xhieda mogħtija, xorta teżisti nuqqas ta’ konformita’ bejn dak indikat fiċ-ċitazzjoni nonche’ bażi tal-imputazzjonijiet miġjuba, u l-kontenut tad-depożizzjonijiet magħmula. Dan qiegħed jingħad fl-ispirtu ta’ dak li ried il-Leġislatur meta fl-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali uża terminoloġija tassattiva ‘għandha’ li ma tħalli ebda dubju dwar l-intenzjoni li hu jkun sod fl-indikazzjoni ta’ dawn ir-rekwiżiti li xejn li xejn pero’ jammettu l-possibbilita’ ta’ korrezzjoni, kemm -il darba din tintalab u ma jiġux spostjati b’tali mod il-binarji tal-azzjoni.

62. F’dan il-każ, il-bażi akkużatorja innifisha toħloq vakum fejn il-Leġislatur, almenu wara l-emendi tal-1911 ma riedux li jkun hemm. Il-bażi akkużatorja innifisha tħalli barra element essenzjali biex l-imputazzjoni tkun validament kontestabbli lill-ġudikabbli – tħalli barra parti essenzjali mill-unita’ temporali tal-imputazzjoni. Il-Leġislatur għamar l-obbligu li kull ċitazzjoni jkollha fost oħrajn indikazzjoni taż-żmien li fih ikunu twettqu l-allegati reati. Is-sena meta jkun seħħ allegat reat hija parti essenzjali minn dan l-element. Jekk dak l-element huwa nieqes mill-imputazzjoni, l-istess imputazzjoni tkun difettuża. Il-provi jistgħu, u għandhom, jagħmlu tajjeb għal dan in-nuqqas.

63. Iżda dan in-nuqqas ma jistax jibqa’ mhux indirizzat minn naħa tal-Prosekutur matul il-kors tal-kawża in kwantu s-suċċess o meno tal-azzjoni prosekutorja tiegħu tistrieħ ukoll fuq il-parametri ta’ dak li huwa, fil-każ ta’ ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fi proċedimenti bħal dawk in disamina li ma humiex minn natura tagħhom oriġinarjament sommarji, jkun indika bħala l-bażi tal-azzjoni penali minnu kontestata lill-ġudikabbli. F’dan il-każ il-kwistjoni għalhekk tmur lil hinn minn nuqqas ta’ akkordanza bejn l-imputazzjoni u l-provi prodotti. L-anqas hija kwistjoni ta’ dissonanza bejn il-partikolaritajiet ta’ żmien mogħtija fiċ-ċitazzjoni u dawk riżultanti mill-provi. F’dan il-każ trattasi ta’ nuqqas ta’ parti essenzjali mill-partikolaritajiet taż-żmien tassattivament rikjesta mill-Liġi bħala l-bażi temporali tal-imputazzjoni.

64. Għalhekk hawnhekk ma hawnx sempliċi varjanza bejn dak imputat u dak li l-Prosekutur kellu f'moħħu li jimputa u li forsi għal xi raġuni indikah b'mod żbaljat fiċ-ċitazzjoni. Hawnhekk hawn provi sodi li però ma jsibux riskontru fil-bażi temporali tal-imputazzjoni kif dedotta u kif baqgħet tiġi edotta sal-aħħar tal-proċess. Il-provi għalhekk ma għandhomx parametri temporali ma xiex jiġu mistħarrġa. Kienet tkun storja differenti kieku ma kienx hemm biss variance. Anzi hawnhekk l-anqas hemm differenzi jew diskrepanzi kbar jew sostanzjali bejn il-partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u dak riżultanti mill-provi in kwantu ma hemmx informazzjoni ma xiex jistgħu jsir il-paragun biex wieħed jara hemmx differenza jew diskrepanza. Variance tfisser li jkun hemm xi differenzi bejn l-allegazzjoni u l-evidenza; iżda ma tinkludix differenzi jew karenzi tant kbar li jistgħu joħolqu jew iwaslu għal reat jew reati differenti jew għal nuqqas ta' reat.

65. Għalhekk jekk l-iżball, varjanza jew nuqqas ta' partikolaritajiet essenzjali fiċ-ċitazzjoni tkun tant kbira b'mod li tirrendi l-azzjoni inċerta, mhux ċara, jekk mhux ukoll kontradittorja, dwar jekk ir-reat ikunx seħħ, fejn ir-reat ikun seħħ, meta jkun seħħ jew jekk kienx l-imputat li wettaq ir-reat mill-lok jew ċirkostanzi msemmija fil-provi, allura ma jkunx jista' jingħad li kien hemm sempliċi varjanza fis-sens tal-ġurisprudenza ċitata aktar il-fuq u l-azzjoni ma tkunx tista' titmexxa l-quddiem għaliex il-parametri tal-azzjoni jkunu jew inkompleti jew inbidlu radikalment – ħaġa li bl-iżvilupp tal-proċedura penali u tad-drittijiet tal-bniedem ma jistax jiġi ritenut aċċettabbli fis-sistema legali Malti tal-lum.

66. Mela jekk fl-appelli kriminali **Il-Pulizija vs. Kyle Stone** deċiż nhar l-20 ta' Settembru 2013, kif ukoll fl-appelli **Piscopo** u **Theuma**, deċiżi t-tnejn fid-9 t'Ottubru 2011 varjanza fil-ħin tal-imputazzjoni kienet ritenuta biżżejjed biex tirrendi l-imputazzjoni inċerta (għalkemm il-jum, xahar u s-sena kienu msemmija u jaqblu mal-provi prodotti) kemm hija iżjed inċerta imputazzjoni li tkun tometti minnha l-inklużjoni tas-sena li fiha allegatament ikun seħħ ir-reat; u dak id-difett ma jiġix debitment indirizzat fil-ħin qabel l-għoti tas-sentenza mill-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali kompetenti?

67. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel aggravju tal-appellanta, fl-isfond proċedurali u ċirkostanzjali ta' dan il-każ, jistħoqqlu akkoljiment.

68. Għaldaqstant ma jkunx neċessarju li din il-Qorti tinoltra ruħha ulterjorment fuq il-kumplament tal-aggravji minnha mressqa.

## Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell u qiegħda tħassar u tannula s-sentenza appellata u minflok qiegħda tiddikjara l-appellanta mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tagħha u tilliberaha minn kull ħtija u piena.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**